C/2024/1971

29.2.2024

Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill mal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/765 [Reviżjoni tal-QFP], li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill

Dikjarazzjoni fir-rigward tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Ukrajna

(C/2024/1971)

Il-Kunsill jieħu nota ta' u jikkommetti ruħu li jsegwi l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024, li skonthom, abbażi tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Ukrajna, il-Kunsill Ewropew ser ikollu dibattitu kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità bil-ħsieb li jipprovdi gwida. Jekk meħtieġ, fi żmien sentejn il-Kunsill Ewropew ser jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għar-rieżami fil-kuntest tal-QFP il-ġdid.